**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta' April, 2023**

**Avviż Numru 161/2019**

**Atlas Insurance PCC Ltd. (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha P. Cutajar & Co. Ltd. (C293), sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess P. Cutajar & Co. Ltd.**

**Vs**

1. **Bugeja & Desira Ltd. (C68640)**
2. **Bilom Construction Ltd. (C48672) u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2020 ġiet kjamata fil-kawża is-soċjeta` Durley Investments Limited (C1194)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjetajiet attriċi ppreżentat fit-30 ta' Lulju, 2019, fejn ippremettew u talbu s-segwenti :

*prevja d-dikjarazzjoni li intom Bugeja & Desira Ltd u Bilom Construction Ltd, jew min minnkom , kontu responsabbli għall-inċident li seħħ fi Frar, 2019, ġewwa Triq il-Majjiera, San Pawl il-Baħar, meta waqa' ħajt ta' sit ta' kostruzzjoni proprjetà tagħkom jew ta' min minnkom, jew taħt il-kontroll jew fil-pussess tagħkom, jew ta' min minnkom, fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCW 641, proprjetà ta' P. Cutajar & Co. Ltd u assigurata ma' Atlas Insurance PCC Limited, liema vettura kienet ipparkjata, u dana minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti daparti tagħkom, jew ta'*

*min minnkom; tħallsu, jew min minnkom, is-somma ta' disat elef u ħames mitt ewro (€9500) lir-rikorrenti, li minnhom €9400 huma dovuti lill-Atlas Insurance PCC Ltd rappreżentanti d-danni li għalihom għamlet tajjeb abbażi ta' polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u skond il-liġi konsegwenza ta' dan l-inċident, u li minnhom €100 huwa dovuti lil P. Cutajar & Co. Ltd rappreżentanti excess payment minnha mħallas rigward dan l-inċident; jew somma oħra verjuri. Flimkien ma' din is-somma, intom jew min minnkom, għandkom tiġu kkundannati tħallsu l-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali ppreżentatat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' April, 2019, u bl-imgħax legali mid-29 ta' April, 2019, sad-data tal-ħlas effettiv tas-somma kollha kontrikom, jew min minnkom, li r-rappreżentanti ġuridiċi tagħkom, jew ta' min minnkom, jibqgħu minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tas-soċjetajiet konvenuti ppreżentata fil-14 ta' Ottubru, 2019, li permezz tagħha eċċepew is-segwenti :

*Illi preliminarjament, is-soċjetà rikorrenti trid tiddikjara f'liema kapaċita qed tħarrek lis-soċjetà intimata Bugeja & Desira Ltd u lis-soċjetà Bilom Construction Ltd, u s-soċjetajiet intimati qegħdin jirriżervaw l-posizzjoni tagħhom dwar dan skond ma jirriżulta;*

*Illi preliminarjament ukoll, is-soċjetà rikorrenti trid tipprova li hija tassew surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha u li l-allegat inċident kien kopert bil-polza tal-assikurazzjoni li għaliha qed issir referenza fl-avviż promotur;*

*Illi mingħar preġudizzju għas-suespost, is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, m'humiex responsabbli għall-allegat inċident de quo stante li dan kien ikkawżat minn maltemp qawwi ħafna li kien ben avżat mal-Gżejjer Maltin;*

*Illi l-ħajt imsemmi fl-avviż promotur kien mibni skond l-arti u s-sengħa u kien saħansitra rinforzat;*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet dedotti fl-avviż promotur huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-inċident de quo seħħ unikament tort tax-xufier li pparkja l-vettura de quo fis-sit fejn seħħ l-allegat inċident, minkejja li kien hemm l-avviżi sabiex ma jsirx il-parkeġġ.*

Rat illi permezz ta' digriet datat 23 ta' Novembru, 2020, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawża tas-soċjeta` Durley Investments Limited ;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Frar, 2021, id-difensur tas-soċjetajiet konvenuti iddikjara li s-soċjeta` Durley Investments Limited kienet qed tistrieħ fuq ir-risposta tas-soċjetajiet konvenuti u tagħmilha tagħha;

Semagħet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi din il-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti mis-soċjetajiet attriċi jirriżulta illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCW 641 kienet assigurata b'polza *comprehensive* mas-soċjeta` Atlas Insurance PCC Ltd. (iktar 'il quddiem "Atlas") u l-assikurat kienet is-soċjeta P. Cutajar & Co. Ltd. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta` P. Cutajar & Co. Ltd. kienet għamlet *claim* mas-soċjeta` assikuratriċi tagħha stante li l-vettura in kwistjoni kienet ġarrbet xi ħsarat wara li waqa' ħajt fuqha. Henry Galea, rappreżentant tas-soċjeta` Atlas xehed illi l-*pre accident value* tal-istess vettura kien ħdax-il elf ewro (€11,000) pero` kienu ġabru elf u ħames mitt ewro (€1500) tar-*wreck*.[1] Illi għalhekk jirriżulta li l-*claim* tas-soċjeta` Atlas huwa ta' disat elef u ħames mitt ewro (€9500), filwaqt li ħallsu s-somma ta' ħdax-il elf ewro (€11,00) lil P. Cutajar & Co. Ltd.[2]

Jirriżulta wkoll illi l-persuna li kienet qed tagħmel użu mill-vettura dakinhar tal-inċident kien Brian Cutajar, impjegat ta' P. Cutajar & Co. Ltd li stqarr li fit-23 ta' Frar 2019 huwa kien ipparkja l-vettura in kwistjoni fi triq ġewwa l-Qawra. L-għada, 24 ta' Frar 2019 mar fejn il-vettura u sab ċint maqlub fuqha. Fuq il-post huwa ra tnejn min-nies li kienu jaħdmu mal-Bilom qed ineħħu l-ġebel minn fuq il-vettura, pero' meta mar fuqhom telqu minn fuq il-post. Ix-xhud spjega li l-ħajt li waqa' ma kienx

[1] Ara Dokument HG2 a fol. 22
[2] Ara Dokument HG1 a fol. 21

ingaljat iż-żewġ naħat u kien biss ġebel tal-*bricks* impoġġi fuq xulxin. Huwa esebixxa ritratt ta' *notice* li kien hemm fuq il-post li fiha kien hemm indikat l-isem tas-soċjeta` Bugeja & Desira Ltd[3] flimkien ma' għadd ta' ritratti oħra li jiffiguraw is-sitwazzjoni li sab dakinhar. In kontro-eżami Brian Cutajar xehed illi jista' jkun li fit-23 ta' Frar 2019 ma segwiex ir-rapport tat-temp. Spjega li fejn kien ipparkja l-vettura in kwistjoni kien hemm vetturi oħra pparkjati. Huwa ċaħad li kien hemm *no parking signs* fejn ipparkja l-vettura tiegħu. Spjega li huwa nduna li l-ħajt ma kienx mibni kif suppost wara li ġara l-inċident u dan għaliex wieħed ma setax jinduna qabel.

Mira Borg, in rappreżentanza tal-OHSA, spjegat li skont id-dokumenti sottomessi lilhom ix-xogħol fuq is-sit in kwistjoni kien qiegħed isir għas-soċjeta` Bugeja & Desira Ltd. Spjegat ukoll li mill-istess dokumentazzjoni jirriżulta illi l-kuntrattur tax-xogħlijiet kien Bilom Construction.

Illi s-soċjetajiet` attriċi ppreżentaw ukoll rapport ġuramentat tal-Perit Godwin Abela li ġie nkarigat minn Atlas biex iħejji rapport tekniku dwar l-akkadut, fejn stabilixxa li l-ħajt in kwistjoni, li kien ta' tul konsiderevoli, kien mibni b'*hollow blocks* bla ebda rinforz ta' pilastri u bla ebda rbit. Għalhekk ikkonkluda li l-istruttura kif mibnija kienet waħda dgħajfa u li ma nbnietx skont l-*istandards* meħtieġa u ma kinitx tilħaq il-ħtiġijiet ta' sigurta` li kienet intiża għalihom.

Lianne Rapinett, rappreżentant tal-MET Office, xehdet illi bejn it-23 u l-24 ta' Frar, 2019, seħħet grigalata li f'Selmun, post viċin San Pawl il-Baħar, laħqet forza tmienja (8) u f'ċertu ħin anke forza għaxra (10). Spjegat li matul il-ġurnata tat-23 ta' Frar, 2019, ir-riħ kien qawwi u matul il-ġurnata qaleb grigal. Fl-istess ġurnata kien hemm ukoll *thundery showers*, mentri fil-ġurnata tal-24 ta' Frar, 2019, ir-riħ qaleb għal qawwa ta' riefnu. Tispjega li fl-24 ta' Frar, 2019 f'nofsinhar il-MET Office ħareġ is-segwenti twissija "*The North East wind will reach gale force with winds over the Maltese Islands and sever gale over exposed areas. This warning is valid till midnight and will be renewed accordingly till twenty fifth midnight.*" Spjegat li għalkemm din il-forza ta'

[3] Dokument BC12 a fol. 59

riħ mhix frekwenti, ġieli tiġri, speċjalment fix-xhur ta' Frar u spjegat li okkorrenza simili forsi tiġri darba jew darbtejn fis-sena. In kontro-eżami xehdet illi t-twissijiet li joħroġu mill-MET Office ikunu fuq il-paġna elettronika tal-istess Uffiċju u suppost jinqraw ukoll fir-rapporti tat-temp.

Illi s-soċjetajiet konvenuti ppreżentaw numru ta' artikoli li dehru f'ġurnali lokali dwar effetti tal-maltempata li seħħet fi Frar, 2019.[4]

Il-Perit Colin Zammit xehed illi huwa kien inkarigat bħala Perit mill-iżviluppaturi tas-sit in kwistjoni, u ċioe` s-soċjetajiet Bugeja & Desira Limited u Bilom Construction Limited. Spjega li wara li twaqqgħu l-istrutturi li kien hemm fis-sit in kwistjoni, il-pedamenti tad-dobblu tal-*boundary wall* eżistenti baqa' fejn kien u fuqu ttella' *boundary wall* ieħor tal-*bricks*. Spjega li l-perimetru kollu ta' dan il-*boundary wall* kien ta' mitejn u ħamsin (250) metru u li minnu, fl-inċident in kwistjoni, waqgħu minn ċirka seba' (7) sa għaxar (10) metri. Xehed illi l-iskop tal-*boundary wall* kien li jipproteġi lil terzi milli jaqgħu fis-sit ta' kostruzzjoni. Spjega li l-ħajt kienet waqgħet parti minnu minħabba r-riħ mhux normali li laqat il-gzejjer Maltin fejn l-istess ħajt intlaqat minn buffura riħ. Dan jispjega għaliex kienet biss parti żgħira minnu li waqgħet.

Frederick Sammut, uffiċjal fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili stqarr illi bejn it-23 ta' Frar u l-24 ta' Frar, 2019, l-uffiċjali tad-Dipartiment kienu msejjħa fuq diversi sejħiet għall-għajnuna minħabba l-maltemp li kien għamel. Fir-rigward ta' xi inċident fiż-żona ta' Buġibba huwa stqarr li l-uniku sejħa li kellhom kienet biex ineħħu *canopy* li kienet qiegħda timblokka t-traffiku. Jispjega li dakinhar kienet ġurnata impenjattiva għall-uffiċjali tad-Dipartiment u stqarr li fit-23 ta' Frar kien hawn l-ikbar maltempata fl-istorja ta' Malta.

Gilbert Bugeja, direttur tas-soċjeta` Bilom Construction Limited, xehed illi fl-2019 l-istess soċjeta` kienet qed tagħmel xogħol ta' tħaffir, twaqqiegħ u kostruzzjoni ta' numru ta' garaxxijiet u appartamenti ġewwa San Pawl il-Baħar. Peress li kien qiegħed

[4] Dokument TB1 a fol. 269 *et sequitur*

isir skavar, kien inbena *boundary wall* tul il-perimetru kollu tas-sit bħala protezzjoni għal terzi. Spjega illi huwa kien ġie infurmat li kienet waqgħat parti żgħira minn dan il-ħajt fuq vettura li kienet ipparkjata mal-istess *boundary wall*. Spjega li dakinhar kien għamel maltemp qawwi ħafna. Xehed illi matul is-snin li dam għaddej il-proġett ġewwa San Pawl il-Baħar qatt ma kellhom problema bl-istess *boundary wall* għajr għall-okkażjoni in kwistjoni. In kontro-eżami xehed illi l-ħajt in kwistjoni kien impoġġi bir-ramel u s-siment. Mistoqsi jekk kienx jaf li waqgħat iktar minn parti waħda mill-ħajt in kwistjoni, x-xhud wieġeb li hu kien jaf li waqgħat biss parti waħda.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti se tibda biex titratta l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti.

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni eċċepew illi s-soċjeta\` Atlas trid tiddikjara f'liema kapaċita\` qed tħarrikhom. Illi fil-fehma tal-Qorti din il-kapaċita\` hija bil-wisq evidenti mill-okkju nnifsu ta' din il-kawża, u ċioe\` Atlas qiegħda taġixxi *qua* soċjeta\` assikuratriċi kif surrogata mill-assikurat tagħha P. Cutajar & Co. Ltd. Illi dan jirriżulta wkoll minn dokument HG1 a fol. 21 tal-proċess fejn id-ditta P. Cutajar & Co. Ltd. iddikjarat is-segwenti, u ċioe\`:

*2. that the Insured is/are hereby subrogating Atlas to all his/her/its/their rights against the debtor/tort-feasor/s and person/s responsible for the above-mentioned accident and the Insured is/are hereby assigning to Atlas all the Insured's rights and causes of action against the debtor/tort-feasor/s and person/s responsible for the said accident.*

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni ġie eċċepit illi s-soċjeta\` Atlas trid tipprova li hija tassew surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha u li l-allegat inċident kien kopert bil-polza tal-assikurazzjoni li għaliha saret referenza fir-rikors promutur. Illi s-soċjeta\` Atlas esebiet il-polza ta' assikurazzjoni li kienet tkopri l-vettura in kwistjoni li minnha jirriżulta li kienet koperta għal ħsarat aċċidentali sofferti mill-istess vettura[5]. Illi di piu\`

[5] Ara polza a fol. 205

kif diġa' spjegat fil-paragrafu preċedenti, is-soċjeta' Atlas ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha P. Cutajar & Co. Ltd. Barra minn hekk, il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni **Mapfre Middlesea p.l.c et vs Express Trailers Limited** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-12 ta' Ottubru, 2021, u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ġunju, 2022, fejn intqal is-segwenti:

*"Barra minn hekk huma diversi l-insenjamenti tal-Qrati tagħna fejn intqal li l-prova tas-surroga mhijiex meħtieġa tassattivament, fejn is-surroga tirriżulta ipso jure.*

*38. Hawn il-Qorti tagħmel riferiment, ad eżempju, għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-20 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies noe et vs. Priscilla Briffa**, fejn ingħad, "Meta dan hu hekk il-każ, m'hemmx għalfejn il-prova 'sine qua non' tas-surroga għax għal dan tissuplimenta l-liġi fl-artikolu 1166(ċ) tal-Kodiċi Ċivili li tipprovdi li s-surroga ssir 'ipso jure' favur 'dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu.' **Ara Vol. LXXIX P.II p. 559**. Għalhekk bil-fatt stess tal-ħlas saret is-surrogazzjoni legali."*

Illi għalhekk l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi għalhekk il-Qorti se tgħaddi biex teżamina l-bqija tal-eċċezzjonijiet li fis-suċċint huma s-segwenti:

1. Il-ħsarat pretiżi ġew ikkawżati minn maltemp qawwi ħafna li kien ben avżat fil-gżejjer Maltin;
2. Il-ħajt in kwistjoni inbena skont l-arti u s-sengħa u kien saħansitra rinforzat;
3. L-inċident *de quo* seħħ tort tax-xufier tal-vettura in kwistjoni li pparkja maġenb il-ħajt in kwistjoni *nonostante* li kien hemm avviżi biex ma jsirx parkeġġ.

Illi l-*quantum* reklamat mis-soċjetajiet attriċi fil-kawża odjerna mhux qed jiġi kontestat u dan kif jirriżulta minn verbal

magħmul mid-difensuri tas-soċjetajiet konvenuti u tas-soċjeta` kjamata in kawża fis-seduta tad-9 ta' Lulju, 2021.[6]

Illi skont kuntratt iffirmat fl-1 ta' Awwissu, 2018, numru ta' soċjetajiet kummerċjali, fosthom Durley Investments Limited, Bugeja & Desira Limited u Bilom Construction Limited, għamlu ftehim rigward l-iżvilupp ta' sit kif muri fuq *site plan* li kienet annessa mal-istess ftehim, liema sit kien ġewwa San Pawl il-Baħar. Mill-istess kuntratt jirriżulta illi Durley Investments u Bilom Constrution Limited ftehmu li fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta joħroġ il-permess ta' żvilupp kienu se jidħlu fi ftehim dwar ix-xogħlijiet skont kif stipulat f'Annex B anness mal-istess kuntratt. Ai termini tal-istess ftehim jirriżulta wkoll illi s-soċjeta` Bugeja & Desira Limited kienet waħda mix-*shareholders* ta' Durley Holdings, liema struttura ġiet reġistrata biex twaqqaf *joint venture* bejn numru ta' soċjetajiet biex tiżviluppa u tbiegħ il-proprjeta` ta' dan il-proġett.[7]

Illi għalhekk dak li trid tistabilixxi din il-Qorti huwa jekk xi waħda jew iktar mis-soċjetajiet li kontrihom tressqu l-pretensjonijiet tas-soċjetajiet attriċi humiex responsabbli għall-akkadut.

Illi filwaqt li s-soċjeta` Atlas qiegħda tallega li dan l-inċident seħħ peress li l-ħajt in kwistjoni ma kienx mibni skont is-sengħa u l-arti, min-naħa l-oħra is-soċjetajiet konvenuti u s-soċjeta` kjamata in kawża qed isostnu li dak li ġara kien riżultat ta' *force majeur*e minħabba l-maltemp straordinarju li seħħ bejn it-23 u l-24 ta' Frar, 2019.

Illi mhux kontestat illi fil-ġranet imsemmija seħħet maltempata kbira u r-riħ f'ċerti żoni f'Malta laħaq forza għaxra. Mill-artikoli tal-ġurnali ppreżentati mill-konvenuti u mir-rapport tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jirriżulta wkoll illi saru diversi ħsarat fi proprjetajiet privati u pubbliċi. Illi għalhekk dak li trid teżamina din il-Qorti huwa jekk il-maltemp li seħħ dakinhar tal-akkadut kienx tali li jeżonera lil min kien reposabbli għall-bini tal-ħajt in kwistjoni mir-responsabbilita` ta' dak li ġara, u ċioe` d-danni sofferti fuq il-vettura in kwistjoni.

[6] A fol. 243
[7] Ara Dokument MB3 a fol. 78 *et sequitur*

L-artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

*"Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b' forza maġġuri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara."*

Għall-finijiet ta' forza maġġuri jew każ fortuwitu, irid ikun hemm ċerti kondizzjonijiet li jeżistu simultanjament:

1. Il-ġrajja trid tkun irreżistibbli fis-sens li trid tqiegħed lid-debitur fl-impossibilita` li jwettaq l-obbligazzjoni;
2. Il-ġrajja trid tkun imprevedibbli;
3. Il-ġrajja trid tkun xi ħaġa esterna; u
4. Id-debitur ma jridx ikollu ħtija f'dak li jiġri, dan fis-sens li l-ġrajja trid tkun xi ħaġa li wieħed ma setax jevita u assolutament lil hinn mill-kontroll tad-debitur. Fil-kawża fl-ismijiet **Robert Borg vs Peter Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' Jannar 1941, (Vol XXX.iii.168) ġie osservat: *"Illi kif huwa ritenut mid-dottrnina u mill-ġurisprudenza biex ikun hemm każ fortuwitu ma huwiex biżżejjed avveniment insolitu, li jkun kawżat mill-forzi tan-natura mingħajr il-konkors tal-fatt tal-bniedem, imma huwa wkoll neċessarju illi jkun inevitabbli, ċioe` li ma jistax ikun evitat bl-eżerċizzju tad-diliġenza ta' bonus paterfamilias."*

Illi kif intqal fid-deċiżjoni **Mapfre Middlesea p.l.c et vs Express Trailers Limited** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-12 ta' Ottubru 2021 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ġunju, 2022:

*Il-Qorti tal-Appell kellha okkażjoni tikkonsidra l-eċċezzjoni ta' "force majeure" fil-kawża* ***Mizzi vs Paris et (27 ta' Marzu, 2009).*** *F'dik is-sentenza esprimiet ruħha b'dan il-mod:*

*"Skont il-Liġi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara. F'każijiet bħal dawn min jallega li dak li ġara kien dovut minħabba forza maġġuri, jew*

*casus għandu l-obbligu li jippruvah u dan sal-grad ta' probabilità".*

*Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna l-'forza maġġuri' hija dik il-forza li għaliha huwa impossibbli li wieħed jirreżisti, mentri l-"każ fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diliġenza. Il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem. Għalhekk skont il-prinċipju tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-prevedibilità trid tkun ta' probabbiltajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p. I. P. 172; Vol. P.I.p.74; Vol. XLVIII p.I.p.258).*

*Imbagħad, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Simonds Farsons Cisk pls vs Mark Gerald Naylor et*** *(Deċiża 6 ta' Ottubru, 2010), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet hekk:-*

*"Skont id-duttrina u l-ġurisprudenza prevalenti l-kawża għal liema d-debitur mhux imputabbli hi identifikata f'event straordinarju jew imprevedibbli. Dawn huma eżemplifikati fiż-żewġ kunċetti predominanti tal-każ fortuwitu jew tal-forza maġġuri ... Hekk, huwa konkordi illi "il caso fortuito e la forza maggiore è l'evento non dipendente da azione od omissione volontaria o colposa, non prevedibile e almeno non inevitabile." ("Pubblio Azzopardi – vs – Antonio Arcicovich et", Appell Ċivili, 14 ta' Novembru, 1919). Li jfisser, illi fil-każ fortuwitu jew il-forza maġġuri ma jeħilsux mir-responsabbilità għad-danni jekk ikunu preċeduti minn ħtija ta' min ikkaġuna d-danni. (Ara "Caterina Bezzina – vs – Giorgio Grech et", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 7 ta' Ġunju, 1938), għax allura jitlef in-natura tiegħu ta' każ fortuwitu jew ta' forza maġġuri, ladarba seta' jkun impedut mid-debitur stess permezz tad-diliġenza medja u ordinarja tal-bniedem normali li huwa kien obbligat li juża. Ara "Albert Borg Falzon proprio et nomine et – vs – Charles Darmanin proprio et nomine", Appell Kummerċjali, 7 ta' Ġunju, 1940."*

Illi s-soċjeta` Atlas ipproduċiet rapport ġuramentat tal-Perit inkarigat minnha, u ċioe` l-Perit Godwin Abela, li kkonkluda hekk:

1. *The boundary wall was built along the site perimeter all along the street and was of considerable length.*

2. *The boundary wall was approximately eight courses or 2.14 metres high.*

3. *The wall was built with hollow concrete blocks.*

4. *There were no pilasters to reinforce or stabilise the wall, these should have been as the site was completely exposed to the elements.*

5. *The wall joints were not property pointed, the blocks were placed on top of each other and next to one another without proper pointing and therefore there was lack of bonding between the hollow blocks which weakened the structure.*

*In conclusion, the undersigned is of the opinion that the boundary wall which collapsed was not bult to the required standards and did not meet the safety requirements that it was meant to provide.*[8]

Illi min-naħa l-oħra, il-Perit Colin Zammit, u ċioe` l-Perit inkarigat mis-soċjetajiet konvenuti għal dan il-proġett, spjega illi ċ-ċint tal-*bricks* kien inbena fuq pedamenti eżistenti u li l-intenzjoni priċipali għala kien inbena kienet għas-sigurta` ta' terzi u tal-ħaddiema tal-istess sit.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi filwaqt li huwa inkontestat li dakinhar tal-inċident għamlet maltempata kbira u li l-forza tar-riħ f'ċertu ħinijiet kienet konsiderevoli, pero` jirriżulta wkoll illi l-ħajt in kwistjoni, li kien ta' tul konsiderevoli ma' kellu ebda rbit u/jew rinfurzar. Illi mir-ritratti esebiti huwa ċar illi l-ħajt tal-*bricks* kien impoġġi biss waħda fuq l-oħra u dan għaliex kif spjega l-Perit Colin Zammit, l-iskop tiegħu kien li ma jkunx ta'

[8] A fol. 180 sa 182

perikolu għal terzi u għall-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq l-istess sit.

Illi l-Qorti tosserva illi llum il-ġurnata permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 (Regolamenti Dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni) li daħlet *in vigore* fis-16 ta' Diċembru 2022, l-istekkat, u ċioe` dik l-istruttura temporanja li tagħlaq sit ta' kostruzzjoni waqt ix-xogħlijiet sabiex tirrestrinġi l-aċċess u tipprovdi protezzjoni lill-pubbliku, irid ikun ***"ddisinjat b'mod li jkun jiflaħ għal qawwa ta' riefnu (Forza 8 u aktar) b'xi rbit skont kif neċessarju sabiex jiġi evitat li dan jinqaleb u jiżgura stabbiltà. Madankollu l-istekkat li jmiss ma' skavar għandu jkun iddisinjat li jiflaħ għal kwalunkwe impatt estern."***

Illi din il-Qorti konxja li fiż-żmien li sar l-iskavar tas-sit in kwistjoni din il-leġislazzjoni kienet għadha mhix *in vigore*. Pero` minnha jirriżulta illi d-disinjar ta' stekkat li jiflaħ għal riefnu Forza 8 jew aktar hija possibbli u mhux kif qed jippruvaw jagħtu x'jifhem il-konvenuti, u ċioe` li r-riefnu tant kien qawwi li ma kien hemm xejn x'jista' jsir biex il-ħajt ma jinqalibx. Illi r-ritratti esebiti minn Brian Cutajar a fol. 48 sa fol. 58 juru biċ-ċar illi l-*bricks* li waqa' ma kellu ebda rbit li jissudah u jirriżulta li l-biċċa ħajt li waqgħat ġiet mibnija mil-livell tal-bankina, mentri fuq iż-żewġ naħat l-oħra il-*bricks* inbena minn livell ogħla. Dan ifisser illi din il-biċċa tal-ħajt ġiet "stand alone" u ladarba ma kellhiex irbit, ma kellhiex is-saħħa neċessarja, bħall-bqija tal-ħitan laterali li tiflaħ għall-elementi li laqtuha. Il-fatt li ma kien hemm l-ebda rbit u rinforz jirriżulta ampjament ċar mill-mod kif inqaleb il-ħajt kif jinsab raffigurat fir-ritratt a fol. 60 tal-proċess. Illi l-kwistjoni kollha hawn hija li l-*bricks* kienu biss impoġġija waħda mal-oħra b'mod li jagħlqu l-perimetru tas-sit, iżda ma kinux maħsubin biex jilqgħu għal riħ qawwi jew riefnu.

Illi filwaqt li l-Qorti tapprezza li dan l-istess ħajt seta' ntlaqat minn xi buffura riħ, anke jista' jkun ta' ċerta saħħa, madanakollu dan ma jeżonerax lill-konvenuti u lill-kjamata in kawża mir-responsabbiltajiet tagħhom għall-akkadut. Skont ir-rappreżentant tal-Uffiċju Meteoroloġiku, ir-riħ li ħakem fuq Malta bejn it-23 u l-24 ta' Frar, 2019, għalkemm mhux daqshekk frekwenti, ikun mistenni speċjalment fix-xahar ta' Frar.

Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-inċident odjern irid iwieġeb għalih kull min kellu l-oneru li jiżgura li l-ħajt in kwistjoni kien mhux biss joffri sigurta` għall-ħarsien ta' terzi u għall-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq is-sit ta' kostruzzjoni, iżda wkoll li l-istess ħajt jiġi mibni skont is-sengħa u l-arti sabiex jirreżisti l-elementi u ma jikkawżax ħsarat lil terzi.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar illi s-soċjetajiet kollha ċitati f'din il-kawża huma responsabbli għal dak li ġara. Mill-kuntratt esebit a fol. 100 tal-proċess jirriżulta li s-soċjeta` Durley Investments Limited inkarigat lis-soċjeta` Bilom Construction Limited biex tagħmel ix-xogħol ta' twaqqiegħ, skavar, kostruzzjoni u *finishing* tal-proġett in kwistjoni, mentri s-soċjeta' Bugeja & Desira apparti li kienet ishmatarja f'Durley Investments Limited, kienet irreġistrata fuq il-*Construction Notification Form* bħala l-"klijent" mal-Awtorita` Għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol.[9] Illi din il-formula hija meħtieġa ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 88 tal-2018 fejn it-terminu "klijent" tfisser *"il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett."*

Dwar ir-responsabbilita` tad-diversi persuni li jista' jkollhom x'jaqsmu ma' sit ta' kostruzzjoni, il-Qorti se tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tat-28 ta' Frar, 2014, fl-ismijiet ***Dr. Tatiana Bonnici et v. Nicolsons The Supermarket Ltd. et***, fejn intqal is-segwenti fuq il-materja in kwistjoni, li huwa ritenut għandu japplika ugwalment għall-każ odjern:

*"Min-naħa l-oħra, s-soċjeta' msemmija lanqas ma tista' tipprova titfa' l-ħtija fuq Nicholas Balzan, il-kuntrattur minnha mqabbad biex iwettaq ix-xogħol, għax la darba rriżulta li b'dak li għamlet jew ma għamlitx dik il-persuna, l-atturi sofrew danni, isegwi li dik il-persuna ma kinitx kompetenti f'xogħolha, u għal konsegwenzi ta' din l-inkompetenza, ibatu wkoll is-sidien, is-soċjeta' Nicholas The Supermarket Ltd (ara* ***Grech v. Kummissarju tal-Pulizija*** *deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 1988 u* ***Gauci v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et****, deċiża minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fit-30 ta'*

[9] Dokument MB1 a fol. 67

*Novembru, 2010, li fiha wara rassenja ta' ġurisprudenza ingħad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilta` ta' persuna għall-atti tal-impjegati tagħha li jikkawżaw danni lil terzi"). F'dan il-każ, għalkemm il-periti periżjuri jgħidu li Nicholas Balzan ħadem "bil-għaqal ħafna", jirriżulta li hu naqas milli jieħu ċerti prekawzjonijiet u naqas li jaġixxi kif trid is-sengħa f'kull ma għamel, u kwindi għan-nuqqasijiet tiegħu, fil-konfront ta' min sofra l-ħsara, taħti wkoll u b'mod solidali min qabbdu. Dan peress li l-grad ta' responsabbilta` ma tistax tiġi spezzettata bejn ir-responsabbli (ara* ***Cini v. Galea et*** *App. Ċiv. 622/96 20 deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 1958, u* ***Abela v. Bonnici*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Jannar, 1958). Meta sid ta' proprjeta` jinkariga terzi biex jagħmillu ċertu xogħol fil-proprjeta` tiegħu, għad-danni li jistgħu jsofru terzi, jaħtu t-tnejn, is-sid u l-kuntrattur impjegat, b'mod solidali, u ma jistax wieħed jitfa' t-tort fuq l-ieħor.*

*"Studju dwar l-effett tal-Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, u r-responsabbilta` tal-kommittent, sar minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet* ***Gauci v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma****, din id-darba deċiża fil-5 ta' Marzu, 2010, fejn intqal hekk:*

*"Il-liġi tagħna taħt il-Kodiċi Ċivili taħseb għall-qagħda bħal din fl-Artikolu 1037 li jipprovdi illi "kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi";*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali fuq dan il-punt hu sottolinejat mit-* ***Trimarchi ("La responsabilita' per fatto dei dependenti"****, RDC 1959, 22) illi "opportunamente il rischio viene addossato all'imprenditore, il quale puo` prevederlo meglio del singolo malcapitato che volta per volta ne e` vittima: cio che e` fortuito per quest'ultimo non e` fortuito per il primo, bensi conseguenza calcolata di una propria iniziativa. E percio' l'imprenditore puo' meglio premunirsi contro il rischio, assicurandosi. Viene cosi garantito il risarcimento al danneggiato e soddisfa in tal modo un'esigenza che non dipende solo da considerazioni umanitarie,*

*bensi' anche dalla consapevolezza del grave danno economico e sociale derivante dall'abbattersi improviso della sventura su chi e` impreparato di fronte ad essa." Hu bl-istess mod konsimili anke jekk mhux għal kollox identiċi għall-kliem appena riportati, illi jesprimi ruħu l-**Franzoni ("Dei fatti illeciti"**, Ed. Utet 2004, paġna 234); … … …*

*"Issa huwa minnu illi d-disposizzjoni relattiva tal-liġi taħt il-Kodiċi tagħna (Artikolu 1037) tiffonda r-responsabbilta` f'min iħaddem jew fil-kommittent fuq il-prinċipju tal-kolpa dovuta għall-għażla tad-dipendenti (culpa in eligendo). B'danakollu, dik l-istess disposizzjoni tipprovdi mbagħad għall-alternattiva tal-eżami oġġettiv tar-riżultanzi istruttorji, apparti dik soġġettiva bl-użu tal-prepożizzjoni "jew". Dan kif ġia` senjalat in extenso mill-Qorti tal-Appell, sede ċivili, fil-każ, **"It-Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija"**, deċiż fl-1 ta' Marzu 1988.*

*"Imprexxindibilment minn nozzjoni tal-culpa in eligendo jidher li hu l-orjentament ġurisprudenzjali ta' dawn l-aħħar snin illi r-responsabbilta` fil-kommittent jew f'min iħaddem hi wkoll presupposta għall-kondotta produttiva tad-dannu tal-persuna inkarigata mix-xogħol jew tad-dipendenti tiegħu. Ara, fost oħrajn, is-sentenzi esebiti fl-atti fl-ismijiet **Michael Balzan vs Lawence Ciantar nomine**, Prim'Awla Qorti Ċivili App. Ċiv. 622/96 21 ta' Ottubru 2002 per Imħallef David Scicluna u **Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et**, Prim'Awla Qorti Ċivili 12 ta' Diċembru 2002 per Imħallef Raymond Pace."*

*"Ovvjament fir-relazzjoni interna ta' bejniethom, il-ħlas irid eventwalment isofrieh min effettivament wettaq il-ħsara, iżda fil-konfront tal-vittma tal-ħsara, ir-responsabbilta` hija waħda solidali. Kwindi, fuq dan il-punt, l-atturi wkoll appellanti għandhom raġun, għax la darba s-sid huwa responsabbli għal aġir negliġenti ta' dak imqabbad minnu biex jagħmillu xi ħaġa, ir-responsabbilta` tas-soċjeta' Nicholsons The Supermarket Ltd (skont l-ewwel Qorti, għal 45% tal-ħsarat) u ta' Nicholas Balzan (għal 30%) hija waħda solidali. Kienu dawn, indipendentement mid-difetti oriġinali li seta' kellu l-bini, li taw lok għall-ħsara."*

Huwa interessanti wkoll, u aktar dirett għall-punt, dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawża ***Lawrence Formosa pro et noe v. Winex Holdings Ltd.*** et deċiża fil-31 ta' Ottubru, 2014, fis-sens illi:

*"In tema legali jġi osservat li Winex bħala sid tal-fond u li kellha l-pussess tal-istess, kellha l-obbligu li tassigura li bix-xogħolijiet li kienu qed isiru fuq il-proprjeta` tagħha, u fuq inkarigu tagħha, ma ssirx ħsara lil proprjeta` ta' terzi, u f'każ li jsiru danni, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern, għandha ġġorr ir-responsabilita' tagħha fir-rigward."*

Illi għaldaqstant din il-Qorti ssib li kemm is-soċjetajiet konvenuti, qua żviluppatur u kuntrattur rispettivament, u kemm is-soċjeta` kjamata in kawża, qua sid, huma solidalment responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetajiet attriċi.

**DECIDE**

Għaldaqstant il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq espressi, filwaqt li tiddikjara lis-soċjetajiet Bugeja & Desira Limited, Bilom Construction Limited u Durley Investments Limited solidalment responsabbli għall-ħsarat sofferti fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LCW 641, tikkundanna solidalment lill-istess soċjetajiet iħallsu lis-soċjeta` Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' disat elef u erba' mitt ewro (€9400) u lis-soċjeta` P. Cutajar & Co. Ltd is-somma ta' mitt ewro (€100).

Bl-ispejjeż kif mitluba kontra s-soċjetajiet konvenuti u s-soċjeta' kjamata in kawża u bl-imgħax dekorribbli fuq is-somom hawn fuq imsemmija mid-29 ta' April, 2019, sad-data tal-ħlas effettiv.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**